MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2007

Numru 734/2007

Il-Pulizija
Spettur Jesmond J. Borg

vs

Carmel Fenech

Illum, il-Hamis, 30 ta’ Awissu tas-sena 2007

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat Carmel Fenech, ta’ wiehed u erbghin (41) sena, bin Joseph u Mary nee Buhagiar, imwieled Attard, Malta nhar it-13 ta’ Jannar tas-sena 1966 u li huwa residenti gewwa l-fond bl-isem Al Kazar, Triq Guzeppi Caruana, Tal-Virtu’,

Rabat, Malta u li huwa detentur ta’ l-karta ta’ l-identita’ bin-numru 51166 (M);

Akkuzat talli nhar it-30 ta’ Awissu tas-sena 2007 ghall-habta tad-disgha ta’ fil-ghodu fl-inhawi Tal-Hlas, limiti ta’ Qormi, Malta, zamm f’xi fond jew kellu fid-dintorni tieghu armi tan-nar, jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II minghajr licenzja tal-Kumissarju tal-Pulizija (skond l-Art 5 (1) tal-kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Akkuzat aktar talli kellu fil-pussess teighu armi tan-nar minghajr ma kienu koperti b’polza ta’ l-assikurazzjoni ghal riskji fil-konfront ta’ terzi persuni (skond l-Art 27 (2) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti f’kaz ta’ htija tikkonfiska l-armi kollha ta’ l-akkuza skond l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll tissospendi l-licenzja ghaz-zamma ta’ l-armi ta’ l-akkuzat skond ir-Regolament 27 (2) (b);

Semghet l-ammissjoni tieghu;

Semghet il-konferma ta’ l-ammissjoni gia’ dikjarata mill-istess imputat;

Issibu hati;

Rat l-artikoli 5 91), 27 (2), 51 (2) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u tikkundannah ghal multa ta’ tlett mitt Lira Maltin, (LM300.00,0);

Rat ukoll l-artikolu 56 ta’ l-istess Kap 480 u tordna l-konfiska ta’ l-arma, (senter), u munizzjoni, (zewg (2) skratac), favur il-Gvern ta’ Malta.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------